

Brussell, 3 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14966/23

AGRI 675
FOOD 81
SAN 630

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|----------------|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 676 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-ikel u l-ingredjenti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti għas-snin 2020-2021 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 676 final.

Mehmuż: COM(2023) 676 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.10.2023
COM(2023) 676 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-ikel u l-ingredjenti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti għas-snin 2020-
2021**

Kontenut

| | |
|--|---|
| SOMMARJU | 2 |
| 1 SFOND | 2 |
| 2 FAĊILITAJIET TAL-IRRADJAZZJONI APPROVATI | 3 |
| 3 RIŻULTATI TAL-VERIFIKI MWETTQA FIL-FAĊILITAJIET TAL-IRRADJAZZJONI FL- 2020-2021 | 4 |
| 4 RIŻULTATI TAL-VERIFIKI FIL-FAŻI TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAL-PRODOTT | 5 |

SOMMARJU

Skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999¹ dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tjonizza, kull sena l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:

– ir-riżultati tal-verifiki mwettqa fil-faċilitajiet tar-radjazzjoni jonizzanti, inkluż il-kategoriji u l-kwantitajiet tal-oġġetti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti u d-dożi amministrati, u

– ir-riżultati tal-verifiki mwettqa fil-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

L-Artikolu 7(4) tad-Direttiva jirrikjedi li l-Kummissjoni tippubblika, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, rapport dwar l-informazzjoni pprovduta kull sena mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali.

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021. Fih ġabra tal-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri tal-UE u mill-Irlanda ta' Fuq. Il-pajjiżi tal-EFTA ma sottomettew l-ebda *data* fl-2020 u l-2021.

Perjodu: 1/1/2020 – 31/12/2021

Pajjiżi kkonċernati: is-27 Stat Membru tal-UE u l-Irlanda ta' Fuq

Faċilitajiet tal-irradjazzjoni:

- L-għadd ta' pajjiżi li għandhom it-tagħmir: 13-il Stat Membru u n-Norveġja
- L-għadd ta' faċilitajiet approvati: 22
- L-għadd ta' faċilitajiet magħluqa: 0
- L-għadd ta' pajjiżi li jużaw ir-radjazzjoni: 10 Stati Membri

Data dwar it-trattamenti:

- Il-kwantità ta' prodotti ttrattati: 5 029,1 tunnellata (-35,8 % meta mqabbel mal-2018-2019)
- Il-komoditajiet ewlenin ittrattati: “Koxox taż-żrinġijiet (76,4 %), “Pollam” (11,9 %) u “Ħxejjex aromatiċi mnixxfa, ħwawar u taħwir tal-ħxejjex” (11,6 %)
- Il-post ewlieni tal-irradjazzjoni: Il-Belġju (83 %)

Verifiki fil-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni:

- L-għadd ta' kampjuni analizzati: 7 667
- L-għadd ta' kampjuni mhux konformi: 66 (0,9 %)
- Il-komoditajiet ewlenin analizzati: “Ħxejjex aromatiċi u ħwawar” (43,84 %) “Ċereali, żrieragħ, ħxejjex, frott u l-prodotti tagħhom” (25,98 %)

1 SFOND

L-irradjazzjoni tal-ikel hija t-trattament tal-oġġetti tal-ikel permezz ta' ċertu tip ta' enerġija radjanti magħrufa bħala radjazzjoni jonizzanti. L-enerġija radjanti għandha tul ta' mewġ u gradi ta' potenza differenti u tisparixxi meta jitneħħa s-sors tal-enerġija. L-irradjazzjoni tintuża għal skopijiet sanitarji u fitosanitarji biex toqtol il-batterji patoġeniċi

¹ Id-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tjonizza (ĠU L 066, 13.3.1999, p. 16).

(bħal *Salmonella*, *Campylobacter* u *E. coli*) li jistgħu jikkawżaw l-avvelenament mill-ikel u biex telimina l-organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti bħal insetti u pesti oħra. Tintuża wkoll biex tittardja s-sajran tal-frott, biex jitwaqqaf it-tinbit u l-ġerminazzjoni fil-ħaxix (bħall-basal u l-patata) u biex fl-aħħar mill-aħħar tiġi estiża l-ħajja tal-oġġetti tal-ikel fuq l-ixkaffa. L-irradjazzjoni tal-ikel ma tistax tissostitwixxi l-immuniġġjar kif suppost tal-ikel. L-ikel irradjat xorta jeħtieġ refriġerazzjoni u tisjir xierqa qabel il-konsum meta jkun meħtieġ.

Il-qafas regolatorju tal-UE għall-irradjazzjoni tal-ikel (“id-direttivi dwar l-irradjazzjoni tal-ikel”) jikkonsisti minn:

– Id-Direttiva 1999/2/KE (id-Direttiva Qafas) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tjonizza. Din tistabilixxi d-dispożizzjonijiet għall-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni u l-importazzjoni ta' ikel u ingredjenti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti.

– Id-Direttiva 1999/3/KE (Direttiva ta' Implimentazzjoni) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' ikel u ta' ingredjenti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti². Bħalissa, din il-lista tinkludi kategorija waħda biss ta' ikel: ħxejjex aromatiċi mnixxfa, ħwawar u taħwir tal-ħxejjex. Il-lista ta' awtorizzazzjonijiet nazzjonali ta' ikel u ingredjenti tal-ikel oħra li jistgħu jiġu ttrattati bir-radjazzjoni jonizzanti hija ppubblikata mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-ikel u l-ingredjenti tal-ikel jistgħu jiġu ttrattati bir-radjazzjoni jonizzanti biss f'faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati. Għall-faċilitajiet ibbażati fit-territorju tal-UE, l-approvazzjoni tingħata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 1999/2/KE jirrikjedi li l-Istati Membri jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-lista tal-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati tagħhom.

Skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 1999/2/KE, kwalunkwe ikel irradjat jew kwalunkwe ingredjent tal-ikel irradjat ta' ikel kompost irid jiġi ttikkettat bil-kliem “irradjat” jew “trattat b'radjazzjoni li tjonizza”.

Biex tiġi kkontrollata l-implimentazzjoni korretta ta' dan ir-rekwiżit tat-tikkettar u jiġi identifikat l-ikel li seta' ġie ttrattat illegalment bir-radjazzjoni jonizzanti, ġew standardizzati diversi metodi analitiċi mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN).

2 FAĊILITAJIET TAL-IRRADJAZZJONI APPROVATI

Fi tmiem il-perjodu ta' rapportar (l-1 ta' Jannar 2020 – il-31 ta' Diċembru 2021), kien hemm 22 faċilità tal-irradjazzjoni approvati fl-UE, li kienu jinsabu fi 13-il Stat Membru: Franza (5), il-Ġermanja (4), il-Bulgarija (1), in-Netherlands (2), Spanja (2), il-Belġju (1), ir-Repubblika Ċeka (1), il-Kroazja (1), l-Estonja (1), l-Italja (1), l-Ungerija (1), il-Polonja (1) u r-Rumanija (1).

Minn dawk it-13-il Stat Membru mgħammra b'faċilitajiet tal-irradjazzjoni, tlieta ma irradjaw l-ebda oġġett tal-ikel matul il-perjodu 2020-2021: il-Bulgarija, l-Italja u r-Rumanija.

² ĠU L 66, 13.3.1999, p. 24.


3 RIŻULTATI TAL-VERIFIKI MWETTQA FIL-FAĊILITAJIET TAL-IRRADJAZZJONI FL-2020-2021

Kwantità totali ta' 5 029,1 tunnellata ta' oġġetti tal-ikel ġew ittrattati bl-irradjazzjoni jonizzanti fl-Istati Membri tal-UE matul is-snin 2020 u 2021. It-trattament seħħ prinċipalment fil-Belġju, li ttratta 83 % tal-ikel irradjat tal-UE.


It-tliet komoditajiet ewlenin irradjati fl-UE kienu koxox taż-żrinġijiet (76,42 %), pollam (11,92 %) u ħxejjex aromatiċi mnixxfa, ħwawar u taħwir tal-ħxejjex (11,6 %).

L-Illustrazzjoni 1 turi d-distribuzzjoni tal-prodotti irradjati fil-faċilitajiet approvati fl-Istati Membri tal-UE fl-2020 u l-2021.

Illustrazzjoni 1 — Distribuzzjoni, skont il-kategorija, tal-oġġetti tal-ikel irradjati fl-UE fl-2020-2021




Il-kwantitajiet ta' oġġetti tal-ikel (f'tunnellati) ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti fl-UE ilhom jonqsu mill-2010, kif jidher fl-Illustrazzjoni 2.



4 RIŻULTATI TAL-VERIFIKI FIL-FAŻI TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAL-PRODOTT

Għall-perjodu 2020-2021, ġew analizzati 7 667 kampjun minn 24 Stat Membru, jiġifieri b'mod ġenerali 21,8 % inqas mill-medja fl-2018-2019. Id-*data* għal kull Stat Membru hija disponibbli fl-Anness II u spjegata fil-qosor fl-Illustrazzjoni 3.

Illustrazzjoni 3 – Kampjuni analizzati fil-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott f’kull Stat Membru fl-2020-2021



Tliet Stati Membri ma wettqu l-ebda verifika analitika fl-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott fl-2020-2021 minħabba restrizzjonijiet baġitarji (id-Danimarka), jew minħabba nuqqas ta' kapaċità tal-laboratorji (Ċipru u l-Estonja).

Minn total ta' 7 667 kampjun analizzat, 66 ma kinux konformi (0,9 %) u 80 (1 %) ma wasslux għal riżultati konklużivi. In-nuqqas ta' konformità osservat kien jikkonsisti l-aktar f'tikkettar skorrett u irradjazzjoni pprojbita. Il-perċentwal ta' nuqqas ta' konformità (0,9 %) kien ftit aktar baxx minn dak tal-perjodu ta' rapportar preċedenti 2018-2019 (1 %).

Fl-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni, kif muri fl-Illustrazzjoni 4, il-maġġoranza tal-oġġetti tal-ikel analizzati kienu “ħxejjex aromatiċi u ħwawar” (43,84 %) segwiti minn “ċereali, żrieragħ, ħxejjex, frott u l-prodotti tagħhom” (25,98 %).

Illustrazzjoni 4 – Kategorija tal-oġġetti tal-ikel analizzata fil-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott fl-Unjoni Ewropea fl-2020-2021

